MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1087/1997/1

John Pace

vs

Direttur tal-Kultura

Illum 7 ta’ April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fit-28 ta’ Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax appointment ta’ Assistant Cultural Organiser fid-Dipartiment tal-Kultura.

Illi l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:-

1. Illi f'Settembru tas-sena 1985 ir-rikorrent gie trasferit minn nurse f'Has-Serh ghad-Dipartiment tal-Kultura fejn ghal madwar tmien snin ghamel xoghol ta' Assistant Cultural Organiser.

2. Illi r-rikorrent ghandu diversi esperjenzi fil-qasam kulturali u muzikali u fil-fatt huwa wkoll surmast mal-banda nazzjonali fil-31 ta' Marzu 1984 u kien hemm diversi drabi meta gie maghzul biex jifforma parti ta' xi kumitat organizzativ ghall-Kanzunetta ghall-Ewropa.

3. Illi peress li r-rikorrent kien ilu jaghmel xoghol ta' Cultural Organiser ghal diversi snin applika ghall-post ta' assistant cultural organiser fl-1991 izda ma ntaghazilx u minflok il-postijiet inghataw lin-nies li kienu anqas ikkwalifikati minnu kemm fil-qasam muzikali kif ukoll kulturali.

4. Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi ordnat li jinghata l-hatra ta' Assistant Cultrual Organiser lura sas-sena 1993 jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur intimat fejn wiegeb illi:

Illi t-talba tar-rikorrenti hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt billi:

Jekk ir-rikorrent qed jilmenta dwar it-transfer tieghu ta' Settembru 1985 dan jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi dwar l-ilment tieghu dwar il-post ta’ Assistant Cultural Organiser jinghad li fid-29 ta’ Ottubru 1991 saret sejha ghall-applikazzjoni ghat-tali post skond avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern (Dok A).

Illi r-rikorrent kien fost bosta li applikaw u gie appuntat selection board taht l-awspici tal-Public Service Commission li, wara li gew debitament processati u hareg ir-rizultat, rrizulta li r-rikorrent kien gie fit-12 –il post (Dok B).

Illi l-intimat kif kien obbligat li jamghel skond il-ligi adotta tali rizultat u ghazel l-persuni li kellhom l-postijiet ewlienija skond in-numru ta’ postijiet vakanti.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti ta’ l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent kien jahdem bhala nurse mad-Dipartiment tas-Sahha u kien stazzjonat Has-Serh pero` kien dejjem espert fil-qasam muzikali tant li kien surmast tal-banda nazzjonali fil-31 ta’ Marzu 1984 u kien ukoll fil-Kumitat Organizzativ tal-Kanzunetta ghall-Ewropa. Fl-1985 gie trasferit ghad-Dipartiment tal-kultura biex jaghti l-kontribut tieghu hemmhekk fil-qasam ta’ Assistant Cultural Organiser. Fl-1991 harget applikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ghal Assistant Cultural Organiser pero` ma ntaghzilx u minflok il-post inghata l-haddiehor li kien anqas kwalifikat minnu u ghalhekk f’din il-kawza talab li jinhatar Assistant Cultural Organiser b’effett mill-1993.

Ikkunsidra

Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet saret mill-PSC fid-29 ta’ Ottubru 1991 (fol 5). Din is-sejha saret wara li nhass il-bzonn fid-Dipartiment li jkun hemm il-kariga ta’ Assistant

Cultural Organiser. John Attard a fol 40 qal illi kien hu li waqqaf id-Dipartiment tal-Kultura u baqa' hemmhekk sa Frar 1988. Fost affarijiet ohra qal "kienu jidhru li l-gradi ta' Assistant Cultural Organiser mad-Dipartiment izda nghid li r-rikorrent is-Sur Pace flimkien ma xi persuni ohra li kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol, effettivament mad-Dipartiment baqghu ma hadux dan l-appointment." Il-kriterji ghall-applikazzjonijiet gew ippreparati minnu ghad illi jista' jkun li saru xi modifiki wara li spicca minn mad-Dipartiment pero` sakemm kien qed ifassal dawn il-kriterji "ahna konna sawarna l-kriterji li kellna bzonn propju ghal dan il-grad ta' Assistant Cultural Organiser permezz ta' nies li kienu jahdmu hemmhekk fid-Dipartiment bhal John Pace." Joseph Attard ikompli jghid "fl-opinjoni tieghi definittivament is-Sur Pace kien aktar kwalifikat u aktar kellu esperjenza mill-persuni l-ohra li ntaghzlu eventwalment." Irrizulta li d-Dipartiment ghazel lil Annabelle Attard li incidentalment tigi bint Joseph Attard fuq imsemmi, Domnic Said, Anton Miceli u s-Sur Zammit.

Xhieda ohra li ressaq ir-rikorrent bhal Frans Scerri Head fid-Dipartiment tal-Kultura, Costantino Spiteri Direttur fl-istess Dipartiment u Achille Mizzi li lkoll xehdu dwar il-kapacita` u l-efficcjenza tar-rikorrent specjalment ghal dak li jirrigwarda l-qasam muzikali fejn kienu jhallu kollox f'idejh biex jorganizza orkestri li kienu jsiru kwazi kull hmistax jew tlett gimghat specjalment fis-sajf.

Ir-rikorrent kien tant espert fil-materja tieghu illi minkejja li dawn ix-xhieda kienu Kapijiet tieghu kienu jhallu kollox f'idejh. Madankollu meta gie ppublikat ir-rizultat tal-PSC ir-rikorrent ma setax javvanza mit-tnax il-post u ghalhekk id-Direttur intimat ma kellux ghazla hlief li jinnomina l-ewwel erba' postijiet li l-PSC indikatlu.

Ikkunsidra

Inghad mill-bidu nett illi t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju dwar il-kompetenza u l-kwalifiki tar-rikorrent u zgur li mill-provi prodotti haqqu illi jokkupa l-post li applika ghalih, dik ta' Assistant Cultural Organiser. Pero` l-ghazla ta' din il-pozizzjoni ma kinitx tiddependi mid-Direttur intimat

minkejja illi kien hu li fassal il-kriterji. L-ghazla saret mill-PSC u din m’hijiex fil-kawza. Veru li l-proceduri quddiem il-PSC mhumiex sindikabbli ghax protetti mill-Kostituzzjoni, izda kif intqal fil-kawza “John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta’ Mejju 1998 “Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni dwar impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b’ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta’ tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm min ibati ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.” Dak hu propju li ghamel f’din il-kawza.

Fin-nota tieghu r-rikorrent ilmenta wkoll minn transfer verbali li sar mid-Dipartiment tal-Kultura ghad-Dipartiment tas-Sahha. Hawn ukoll it-Tribunal jinnota li dan it-transfer sar b’mod irregolari peress li mhuwiex konformi ma l-estacode li tirrikjedi certa formalitajiet ghat-trasferimenti ta’ l-impjegati tal-Gvern. Pero` r-rikorrent mhuwiex qieghed jilmenta minn dan it-trasferiment tant hu hekk li talab li t-Tribunal jirrakomanda l-hatra ta’ Assistant Cultural Organiser mis-sena 1993 u fin-nuqqas jithallas kumpens. Ta’ dan ir-rikorrent qieghed jimputa ir-responsabbilita` tad-Direttur intimat li min-naha tieghu qieghed jghid li mhuwiex responsabbli ghall-hatriet li saru f’dan il-kaz peress illi r-responsabbilita` taqa’ fuq il-PSC liema decizjoni d-Direttur intimat bil-fors kellu josserva.

Veru li hekk hu, pero`, r-responsabbilita mitluba mhix wahda personali izda bhala rapprezentant tal-Gvern fil-kuntest tal-Art. 181 B tal-Kap 12 li jghid: “Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Hija f’din il-vesti li r-rikorrent qed jitlob gustizzja. Gustizzja li dan it-Tribunal mhux sejjer jinnegalu peress li hu sodisfatt li r-rikorrent ghandu ragun

u gie ingustament maqbuz ghal hatra ta’ Assistant Cultural Organiser.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi li jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda lid-Direttur intimat li jahtar lir-rikorrent “Assistant Cultural Organiser” b’effett mill-1993 u jekk din ma tinghatax jithallas kumpens fis-somma ta’ Lm3000.  Spejjez ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------